Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.8486 — 3M Company/Scott Safety)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2017/C 290/07)

1. Fil-25 ta' Awwissu 2017, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 wara referenza skont l-Artikolu 4(5) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 [1] li permezz tagħha l-impriża 3M Company ("3M", l-Istati Uniti tal-Amerika) takkwista, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll shiħ ta' ċerti sussidjarji ta' Johnson Controls International plc, li flimkien jiffurmaw in-negozju ta' Scott Safety ("Scott", l-Istati Uniti tal-Amerika) permezz ta' xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— għal 3M: kumpanija ta' teknoloġija diversifikata attiva fuq bażi dinjija f'ħames oqsma ewlenin ta' negozju: Industrijali, is-Sigurtà u l-Grafika, il-Kura tas-Saħħa, l-Elettronika u l-Enerġija u l-Konsumatur. Il-Grupp dwar is-Sigurtà u l-Grafika jimmanifattura u jbigħ tagħmir ta' protezzjoni personali (personal protective equipment, "PPE"), li jinkludi prodotti li jvarjaw minn protezzjoni mill-waqgħat, protezzjoni respiratorja, protezzjoni għar-ras u l-wiċċ, għassmigħ u għall-għajnejn sa lbies protettiv viżibbli/riflettiv.

— għal Scott: manifattur dinji tal-PPE bbażat fl-Istati Uniti tal-Amerika, b'enfasi partikolari fuq apparat tan-nifs awtoregolamentat (self-contained breathing apparatus, "SCBA"), li huwa primarjament użat mill-pumpiera tat-tifi tan-nar u u dawk tal-ewwel intervent, kif ukoll fuq l-individwazzjoni tal-gass u tan-nirien.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-faks (+32 22964301), permezz tal-email lil COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu jew permezz tal-posta, bir-referenza M.8486 — 3M Company/Scott Safety, fl-indirizz li ġej:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

[1] ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").